- ***SPOLL-***
- ***MANDAT IN FACTUM –***
- ***ART. 385 (4) TAL-KAP 12 -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Frar 2002**

**Kawza Numru: 44**
**Citazzjoni Numru: 2646/99/RCP**

**Angelo Abela**

**vs**

**Mattew Degabriele u George Degabriele**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur jippossjedi b'titolu ta' qbiela ghalqa maghrufa bhala *Ta' Lamburdi* ossija *Lombardi* fil-limiti taz-Zejtun u peress illi m'ghandux access dirett ghat-triq, igawdi dritt ta' passagg minn fuq ghelieqi posseduti mill-konvenuti;

Illi l-attur ilu ghal dawn l-ahhar *circa* ghoxrin sena jezercita dan id-dritt ta' passagg sija *bit-truck* ossija *van* u sija *bil-bailer;*

Illi fit-2 ta' Novembru, 1999 iz-zewg konvenuti zammew l-attur b'mod vjolenti milli jezercita dan id-dritt ta' passagg, u kwantu ghall-konvenut Carabott intimalu li setgha jghaddi biss bir-rigel u kwantu ghall-konvenut Zahra, dan harat l-ghalqa kollha nkluz il-passagg b'mod li ghalhekk l-attur ma jistax bl-ebda mod jghaddi minn fuq l-ghelieqi minnu posseduti;

Illi dan l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur;

Illi minkejja gew interpellati sabiex jergghu jirripristinawlu d-dritt ta' passagg li l-attur kien igawdi, l-konvenuti baqghu inadempjenti;

L-istess attur talab ghalhekk il-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-istess konvenuti kkommettew spoll vjolenti u illegali fil-konfront tal-attur.

2. Tikkundannhom sabiex fi zmien qasir u perentorju jergghu jirreintegraw lill-attur fid-dritt li kien jippossjedi u cioe' li jghaddi *bit-truck* ossija *van* u *il-bailer* minn fuq l-ghelieqi f'idejn il-konvenuti.

3. Fin-nuqqas, tordna l-hrug ta' mandat *in factum* kontra l-konvenuti jew min minnhom ma jirreintegrax lill-attur kif ordnat fit-talba precedenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Novembru, 1999 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tal-10 ta' Jannar 2000 fejn gie eccepit:

a. Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu respinti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess attur.

b. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dawn il-proceduri huma vessatorji u spekulattivi stante li l-attur qed jipprova jezercita dritt li m'ghandux u b'hekk bl-ebda mod ma jista' jippromwovi azzjoni ta' spoll.

c. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur m'ghandu ebda dritt li jghaddi meta u fejn irid hu b'tali mod

li bl-ingenji tieghu jikkawza danni bla bzonn ghas-spejjez tal-istess esponenti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol 9 tal-process.

Rat il-verbal tal-25 ta’ Jannar 2000 fejn inghata digriet tal-affidavits u tal-5 ta’ April 2000.

Rat in-nota tal-attur tat-13 t’April 2000 fejn ipprezenta l-affidavit tieghu stess (fol 15 sa 25 tal-process).

Rat il-verbal tal-14 ta’ Gunju 2000 fejn xehed PS 1386 Anthony Agius u fuq talba tad-difensuri tal-partijiet il-Qorti ordnat li x-xhieda tas-Surgent Anthony Agius li nstemghet f’din il-kawza tghodd ukoll u tigi meqjusa bhala li inghatat fil-kawza Cit Nru 2647/99/RCP. Dr Libreri ddikjara li m’ghandux provi aktar.

Rat in-nota tal-konvenut Matteo Degabriele tal-10 ta’ Ottubru 2000 fejn prezenta l-affidavit tieghu stess (fol 48 u 50 tal-process).

Rat in-nota ta’ George Degabriele tal-10 t’Ottubru 2000 fejn pprezenta l-affidavit tieghu stess (fol 52 u 53).

Rat il-verbali tas-26 ta’ Ottubru 2000, tal-10 ta’ Jannar 2001, tat-13 ta’ Marzu 2001 fejn il-Qorti ffissat access fil-15

ta' Mejju 2001 fit-3.00 pm u nnomminat lill-Perit Frederick Doublet biex jassistiha fl-istess access.

Rat il-verbal tal-access mizmum mill-Qorti fil-15 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbal tat-30 ta' Mejju 2001 fejn il-Perit Tekniku Frederick Doublet halef ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Frederick Doublet a fol 61 sa 69 tal-process.

Rat il-verbal tas-26 ta' Gunju 2001, tat-28 ta' Novembru 2001 fejn Dr Libreri ghall-attur irrileva li r-ritratti fir-rapport peritali innumerati minn 5 sa 11 iridu jigu jirreferu ghall-mertu tal-kawza "Abela vs Degabriele" u r-ritratti esebiti fir-rapport peritali ta' dik il-kawza jirreferu ghall-meritu ta' din il-kawza. Xehdu bil-gurament Joseph Zahra, Angelo Abela, Matthew Degabriele u Napuljun Carabott. Dr Busuttil ghall-konvenuti ddikjara li m'ghandux provi izjed. Id-difensuri qablu li x-xhieda moghtija f'din il-kawza tghodd ukoll ghall-kawza Nru 21 fuq il-lista tallum. Id-difensuri talbu li jaghmlu n-nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ppreffiggiet terminu ta' erbghin jum ghall-prezentata tal-istess u l-kawza giet differita ghat-28 ta' Frar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. Principji Legali

Illi l-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, ibbazati fuq l**-Artikolu 534 tal-kap 16** u l-**Artikolu 791 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, u huma bbazati fuq it-tlett rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-gurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta` jew servitu`, izda

anke **purament materjali jew di fatto**, izda mhux ta' mera tolleranza (**Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine** – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) "L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest" (**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna** – P.A.H.H. 21 ta' Frar 1983), pero` "pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll" (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza "**Marthese Borg vs Gorg Borg**" (P.A. – 25.2.1993) inghad li:

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**" (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet li:-

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b' mod konklussiv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-*

*azzjoni.*" (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).

(c) Illi a bazi tal-**Artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Hekk il-kawza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti w inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" (**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone** – Appell 9.3.1992). Tal-istess portata hija s-sentenza "**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta'*

*fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**Artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra il-volonta` tal-pussessur b' mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon** – P.A. A.M. 24.1.1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. JSP 30.4.1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**Margherita Fenech vs Paolo Zammit** – P.A. 12.4.1958, Vol XLLI. Pg. 973; **Carmelo Sacco vs Paul Sacco** – Appell 23.1.1998).

(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbbilit fis-sentenza "**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**" ( P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994).

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu*

*tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir "*fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv"*, b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza "**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**" (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li *meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Illi minbarra dan dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"N.M.J.Agius vs A. Said"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999.Citaz. Numru 2426/97/RCP); **"Joseph Mary Debono vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri nomine"** (P.A. 26 ta' April 1999 Citaz. Nru. 1704/98/RCP); **"Dr. Rene` Frendo Randon vs David Sciberras"** (P.A. 20 ta' Mejju 1999. Citaz. Nru. 2459/98/RCP); **"C. Fino & Sons Limited vs Market Consult Limited"** (P.A. 1 ta' Lulju 1999, Citaz. Nru. 1596/98/RCP); **"Maria Concetta Lando vs Eugenio Galea"** (P.A. 15 ta' Gunju 1999, Citaz. Numru 610/99/RCP); **"Christine Ward vs Neville Ward"** (P.A. 13 ta' Lulju 1999, Citaz. Numru 2082/98/RCP); **"Nazzareno Camilleri vs Joseph Buhagiar"** (P.A. 30 ta' Novembru 1999, Citaz. Numru 2328/98/RCP); **"Alan Mckay vs Jacqueline Mckay"** (P.A. 27 ta' Jannar 2000, Citaz.

Numru 1660/98/RCP); **"Salvu Gauci vs Gaspare Psaila"** (P.A. 11 ta' April 2000, Citaz. Numru. 1887/97/RCP); **"Abela vs Abela"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 1949/99/RCP); **"John Saliba vs Joanne Refalo"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 467/98/RCP); **"Anthony Micallef vs Doris Micallef"** (P.A. 2 ta' Mejju 2000, Citaz. Numru 1167/99/RCP); **"Carmelo Fenech vs Joseph Vella"** (P.A. RCP. 3 ta' Ottubru 2000); **"Carmelo Mifsud vs Giuseppi Schembri"** (P.A. RCP 25 ta' Ottubru 2000); **"Clive Simpson vs Louis Muscat et"** (P.A. 13 ta' Frar 2001, Citaz. Numru 2451/98/RCP); **"Neville Xuereb vs Raymond Aquilina"** (P.A. RCP 14 ta' Marzu 2001); **"Marcus Xuereb vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2142/99/RCP); **"NMR Properties Limited vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2141/99/RCP); **"Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma"** (P.A. RCP 26 ta' April 2001); **"Mark Napier vs Andre` Bianchi"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 692/99/RCP); **"Michael Fenech vs Licari Estates Limited et"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 2139/99/RCP), "**Paul Carbonaro vs Norman Dimech**" (P.A. 12 ta' Lulju 2001 – Citaz. Numru 632/98/RCP) u "**Salvu Briffa et vs Girolamo Bugeja"** Citaz Numru 981/99/RCP.

## B. <u>APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ *'DE QUO'*.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur Anglu Abela qed jallega li huwa kien jahdem ghelieqi msejjha "Ta' Lamburdi"

li qabel kienu jinhaddmu minn Carmelo Spiteri b'effett mis-sena 1979, u sabiex jaccedi ghall-istess ghelieqi kien jghaddi, kif kien jaghmel qabblu Carmelo Spiteri ghall-40 sena shah minn fuq passaggi fuq l-eghelieqi ta' Mattew u George Degabriele, liema passagg, indikat fuq il-pjanta esebita bhala Dok. "A" a fol. 21 tal-process huwa indikat bl-ittri "X" sa "X 1" tal-istess, kien ta' cirka 7 jew tmien (8') piedi, izda peress li beda jidhol bl-ingenji fih, inkluz bil-van u bil-*bailer*, dan l-istess passagg twessa' xi hames jew erbgha snin qabel ta' Degabriele offrewlu li minflok juza' l-istess passagg antik, huwa jibda jghaddi minn passagg iehor, bid-differenza ghalhekk li minflok jghaddi fuq it-tlett ghelieqi taghhom jghaddi minn fuq wahda minnhom biss, u fil-fatt hekk beda jaghmel, liema passagg huwa indikat bl-ittri "X2" u 'X1" fuq l-istess pjanta. Konsegwenti ma dan il-konvenut Degabriele wahhal sigar tal-akacja fl-ewwel passagg sabiex l-attur ma jkunx jista' juza' l-passagg antik bil-van.

Illi allura l-attur sostna li huwa beda juza' dan il-passagg il-gdid, kif ftiehem mal-konvenut Degabriele li jaghmel, sakemm fit-2 ta' Novembru 1999 fejn l-konvenuti ippruvaw jostakolawh u heddewh sabiex ma juzax iktar dan il-passagg, u minn dak in-nhar ma hallewhx juza' l-istess passagg bil-van u bil-*bailer.*

Illi dwar dan l-incident l-istess attur ghamel rapport esebit a fol. 28 tal-process li jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta' **P.S. 1386 Anthony Agius** fix-xhieda tieghu tal-14 ta' Gunju

2000, u kkonferma li l-istess Zahra, l-konvenut l-iehor fil-kawza l-ohra kien harat il-passagg u l-konvenuti odjerni ostakolaw fizikament lill-attur milli juza' l-istess passagg. L-istess xhud insista li l-konvenuti kienu qalulhom li l-attur kien juza' il-passagg bwona grazzja taghhom biss u mhux bi dritt.

Illi min-naha tieghu l-konvenut **Matteo Degabriele** sostna u kkonferma fl-affidavit tieghu tal-10 ta' Ottubru 2000 li l-istess attur ghandu dritt ta' passagg minn dak indikat fuq il-pjanta Dok. "A" immarkat "X" sa "X1" izda mhux fuq il-parti indikata bhala "X1" sa' "X2", li huwa l-mertu tal-kawza odjerna, ghalkemm l-attur xorta beda juza' l-ahhar passagg imsemmi anke bil-van u fid-data in kwistjoni ghamel ghall-attur bil-gebel. Sostna wkoll li kien ghamel katina fil-bieb tal-istess passagg.

Illi **George Degabriele** fl-affidavit tieghu tal-10 ta' Ottubru 2000 kkonferma it-tezi tal-konvenut l-iehor u sostna li l-attur kien *"jippersisti kontinwament* (li jghaddi mill-istess passagg) *liema haga kienet qed turta sew lili, lill-missieri u ta' hdejna".* Kellmuh kemm-il darba biex jieqaf milli jaghmel dan u sar l-incident mertu tal-kawza odjerna.

Illi **Joseph Zahra** sostna li l-attur kien dejjem juza' l-passagg immarkat fuq l-istess pjanta immarkata bhala Dok. "A" bl-ittri "X3" sa "X4", izda wara l-istess attur beda jippretendi li minflok juza' l-passagg indikat bl-ittri "X1" sa "X4", izda skond l-istess xhud huwa dejjem waqqfu milli

jaghmel dan u fil-fatt beda jizra' l-istess passagg li kien qed jippretendi l-attur.

Illi qabel xejn din il-Qorti tordna li x-xhieda u d-dokumenti migjuba u esbiti fil-kawza fl-ismijiet **"Angelo Abela vs Joseph Zahra et"** (Citaz. Numru 2647/99/RCP) ghandhom jghoddu bhala provi wkoll f'din il-kawza, u l-istess ghar-rapporti peritali redatti mill-Perit Tekniku Frederick Doublet, u in vista tal-verbal tat-28 ta' Novembru 2001 tordna li r-ritratti numru 5 sa 11 mehuda mill-istess perit tekniku waqt l-access u esbiti fl-ahhar imsemmi process u fil-kawza l-ohra jigu inseriti minflok f'din il-kawza.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti mill-provi prodotti jirrizulta li cirka hames snin ilu sar qbil bejn il-partijiet fil-kawza sabiex l-attur jibda juza' l-passagg mertu tal-kawza odjerna indikat bl-ittri "X" sa "X1" fuq il-pjanta esebita bhala Dok. "A" a fol. 21 tal-process, u indikat bl-ahmar bin-numri "8" u "9" mill-pjanta redatta mill-perit tekniku a fol. 65 tal-process, u l-attur hekk beda jaghmel, sakemm inqala' l-incident tat-2 ta' Novembru 1999 meta l-konvenuti waqqfu lill-attur milli jkompli jaghmel uzu mill-istess passagg b'mod fiziku u wkoll billi ghamlu katina fil-bidu tal-istess passagg.

Illi dan il-passagg fil-fatt beda jintuza' mill-attur minflok dak li kien jigi uzat qabel minnu indikat bl-ittri "X1" u "X2" fuq il-pjanta Dok. "A", u mill-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta li s-sitwazzjoni attwali li tat lok ghal din il-kawza, fejn l-attur beda juza' l-ahhar passagg mertu tal-kawza

odjerna, sar mhux biss bi ftehim mal-istess konvenuti, izda addirittura fuq suggeriment taghhom, tant li l-istess konvenuti ammettew li huma kienu hallew lill-attur juza' dan l-istess passagg hekk imsejjah gdid, sakemm huma hassew li dan huwa inkonvenjenti ghalihom u ghalhekk huma kkomettew l-ispoll mertu tal-kawza odjerna, billi fizikament u bl-istess kantina impedew lill-attur milli jkompli juza' l-istess passagg.

Illi fil-fatt mid-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti jirrizulta ammess li l-attur kien qed juza' l-istess passagg il-gdid u dan ghal diversi drabi, u l-unika haga li l-istess konvenuti qed jikkontendu huwa li l-attur ma ghandux dritt li juza' dan il-passagg; pero' din ma hijiex eccezzjoni li tista' titqajjem f'kawza ta' spoll, stante li kif fuq inghad dak li din il-Qorti trid tezamina huwa biss il-fatt ta' pussess huwa ta' liema xorta jkun tal-attur, il-fatt li sar l-ispoll, u li din l-azzjoni saret entro it-terminu preskritt mill-ligi.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta li l-attur, bil-kunsens tal-konvenuti, anzi fuq suggeriment taghhom, beda juza' l-istess passagg ghal diversi snin, u ghalhekk l-element ta' pussess gie ppruvat, tant li l-konvenut Matteo Degabriele xehed li l-attur kien qed jippersisti kontinwament li juza' l-istess passagg; l-element ta' l-ispoll gie wkoll pruvat stante li l-konvenuti fizikament u b'theddid u bil-katina imsemmija impedew lill-istess attur milli juza' l-passagg in kwistjoni bil-van u bil-*bailer,* u ghalhekk l-azzjoni attrici ta' spoll giet

ppruvata u it-talbiet attrici rigward l-istess qed jigu milqugha.

Illi jekk tali pussess jammontax ghall-dritt ma huwiex il-mertu ta' din il-kawza, u ghalhekk din il-Qorti ma hijiex u ma tistax tikkummenta fuq l-istess, u ghalhekk id-difiza tal-konvenuti fuq in-nuqqas ta' ezistenza ta' dritt ta' passagg fil-konfront tal-attur ma hijiex proprjament difiza ghall-azzjoni attrici, liema allegazzjoni tal-konvenuti ghandha tigi deciza fuq il-mertu f'kawza *ad hoc,* pero' tali allegazzjoni u vantazzjoni tal-konvenuti ma kellhiex twassal sabiex l-istess konvenuti jiehdu l-ligi b'idejhom, kif fil-fatt ghamlu, u ghalhekk giet esperita din l-azzjoni sabiex izomm l-*istatus quo*, u jigi protett il-pussess biss *ut sic* b'rispett lejn ir-*Rule of Law.*

Illi dwar it-tielet (3) talba tal-attur sabiex jinhareg *mandat in factum* kontra l-konvenuti, din il-Qorti thoss li din it-talba hija intempestiva, stante li ma giex ippruvat li l-attur ma ghandux *"mezz iehor ta' esekuzzjoni" ai termini* tal-**artikolu 385 (4) tal-Kap 12,** u ghalhekk fl-isfond ta' dan kollu din il-Qorti thoss li t-talba attrici relattiva ghall-istess hija fil-fatt f'dan l-istadju intempestiva.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u filwaqt li tichad it-tielet talba attrici stante li hija

intempestiva w infondata fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-istess konvenuti kkommettew spoll vjolenti w illegali fil-konfront tal-attur.

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) gurnata millum jergghu jirreintegraw lill-attur fid-dritt li kien jippossjedi u cioe' li jghaddi *bit-truck* ossija *van* u *il-bailer* minn fuq l-ghelieqi f'idejn il-konvenuti u dan fir-rigward tal-passagg indikat bl-ittri "X2" u "X1" fuq il-pjanta esebita bhala Dok. "A" a fol. 21 tal-process u indikat ukoll bl-numri "8" u "9" u mmarkat bl-ahmar fuq il-pjanta esebita bhala Dok. "FD1" redatta mill-perit tekniku Frederick Doublet u esebita a fol. 65 tal-process, b'dan li jitnehha mill-konvenuti kull ostakolu fiziku u materjali mill-istess passagg b'mod li jkunu jistghu jghaddu l-ingenji fuq indikati, inkluz li titnehha l-katina fil-bidu tal-istess passagg, u dan taht id-direzzjoni u supervizzjoni tal-istess Perit Fraderick Doublet li qed jigi nominat ghal tali skop sabiex jaghmel supervizzjoni tal-istess, u fin-nuqqas li dan issir fit-terminu fuq indikat din il-Qorti tawtorizza lill-attur sabiex huwa jaghmel ix-xoghlijiet necessarji sabiex jigu mnehhija l-istess ostakoli ghall-uzu minnu tal-istess passagg, dejjem taht id-direzzjoni tal-istess perit tekniku Frederick Doublet u kollox a spejjez tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Novembru, 1999 u tal-istess perit tekniku a karigu tal-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Frar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Frar 2002**